# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 5**

**Citaz. numru 1241/91 JF**

**George Grech.**

**vs**

**John Sullivan bhala Chairman ghan-nom u in rappresentanza tas-Socjeta' Tug Malta Limited u b'nota tas-17 ta' Marzu 1992 gew kjamati in kawza Paul Sammut, George Vella, Michael Cutajar, Joseph Azzopardi, Joseph Cassar, Joseph Galea, Emanuel Ellul, Raymond Bartolo, Joseph Magri, Victor Grima, Dante Galea, Harry Zammit, John Buttigieg, Joseph Micallef, Gerald Borg, Rosario Cini, Francis Sciberras, Dominic Zarb. John Vassallo, Emanuel Cardona, Carmel Spiteri, Spiro Azzopardi, Charles Cini, Carmel Psaila, James Schembri, Emmanuel Said, Lawrence Schembri, Charles Hili, Saviour Cassar, Vincent Scorfna, Lawrence Grech u Lawrence Caruana.**

**Il-Qorti;**

**L-ATT TAC-CITAZZJONI**

L-attur ipproceda kontra s-socjeta' Tug Malta Limited bis-segwenti att ta' citazzjoni :-

"Premess illi fid-9 u l-10 ta' Dicembru tal-1988, l-attur ha sehem f'operazzjoni ta' salvatagg tal-bastiment Iran Amanat, bhala master tal-lanec tal-irmonk Felicia u Zamtug II, tas-socjeta' konvenuta Tug Malta Limited.

Premess illi b'konsegwenza ta' din l-operazzjoni ta' salvatagg is-socjeta' konvenuta ghamlet talba ghall-kumpens skond il-ligi, f'isimha u f'isem il-membri tal-ekwipagg tal-lanec Felicia u Zamtug II u l-lanec l-ohra tal-kumpanija li kienu nvoluti fis-salvatagg.

Premess bi ftehim mar-rapprezentati tal-bastiment Iran Amanat u l-avukati William A. Crump, inkarigati mis-socjeta' konvenuta biex jirrapprezentaw lit-Tug Malta Limited, u lill-ekwipagg tal-lanec tal-irmonk involuti, l-kwistjoni giet riferuta ghall-arbitragg fl-Ingilterra quddiem l-arbitru Geoffrey James Barrington Groves Brice.

Premess illi l-attur mill-bidu tal-kwistjoni kien informa lis-socjeta' konvenuta li kien qed jippretendi l-hlas kollu tal-kumpens li jista' jigi aggudikat lilu mill-arbitru.

Premess illi b'decizjoni moghtija fit-8 ta' Frar 1990, l-arbitru Geoffrey James Barrington Groves Brice illikwida, fost ohrajn, kumpens ghall-attur ta' tlett elef lira sterlina (3,000) tal-ghajnuna li ta lill-bastiment Iran Amanat bhala master fuq il-lanec Felicia u Zamtug II.

Premess illi minkejja li dan l-ammont ilu li gie mhallas lis-socjeta' konvenuta, din baqghet ma hallsitux lill-attur.

Talab li l-konvenuti nomine et jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :-

1. Tiddikjara, jekk hemm bzonn, illi l-attur ghandu dritt ghall-hlas ta' kumpens ghas-salvatagg imsemmi kif determinat fl-arbitragg kif fuq spjegat ;
2. Tikkundanna lill-istess konvenut nomine jhallas lill-attur l-ammont tal-kumpens lilu allokat fl-award tal-Arbitru kif fuq inghad.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-7 ta' Marzu 1991 u l-ittra ufficjali tas-6 ta' Mejju 1991, u bl-imghaxijiet legali mid-data meta s-socjeta' konvenut rceviet il-flus f'isem l-attur."

## ECCEZZJONIJIET

Is-socjeta' konvenuta hekk eccepiet ghat-talbiet attrici :-

"1. L-irritwalita' u n-nullita' tac-citazzjoni odjerna minhabba li qed tintalab l-ezekuzzjoni f'Malta ta' decizjoni fi procedimenti ta' arbitragg li saru fl-Ingilterra minghajr ma gew osservati d-disposizzjonijiet tal-"Att dwar l-Esekuzzjoni Reciproka ta' Sentenzi ta' Tribunali Inglizi" (Kap. 52).

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess f'din il-vertenza hemm implikati l-masters u l-membri tal-ekwipagg tal-lanec tal-irmonk "Felica", "Zamtug II", Katrin" u "Cetta", li kollha hadu sehem fl-operazzjoni ta' salvatagg in kwistjoni u ghalhekk dawn ghandhom jigu kjamati fil-kawza u dana anke ghall-istess ekonomija tal-gudizzju.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess il-kumpens fis-somma ta' Lm17,316.96,5 li gie likwidat fl-award imemmija fic-citazzjoni a favur tal-masters u tal-membri tal-ekwipagg tal-lanca tal-irmnok "Felica", "Zamtug II", "Katrin" U "Cetta" gie debitament depozitat f'din l-Onorabbli Qorti qabel ma giet ipprezentata c-citazzjoni odjerna u ghalhekk l-esponenti m'ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-kawza."

## DIGRIET

B'digriet tas-17 ta' Marzu 1992, il-Qorti ordnat ilkjamata fil-kawza ta' l-partijiet l-ohra kollha citati fl-okkju fuq registrat li kellhom interess fil-mertu skond kif eccepit fit-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta. Hadd minn dawn l-imsejha fil-kawza ma wrew ebda interess fiha.

Effettivament ghalkemm debitament notifikati bl-att tac-citazzjoni, huma kollha baqghu kontumaci. Hadd minnhom ma pprezenta appell fis-sentenza tal-Prim'istanza u konsegwentement dak il-gudikat kellu jitqies li jaghmel stat fil-konfront taghhom ilkoll. Il-Qorti kellha allura quddiemha biss il-kontestazzjoni li saret ghat-talba attrici da parti tas-socjeta' Tug Malta Limited kif espressa fl-ewwel u fit-tielet eccezzjoni taghha.

**DECIDE**

B'sentenza tad-29 ta' Frar 1996, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi filwaqt li rrespingiet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine dwar l-irritwalita' procedurali u konsegwenti nullita' ghaliex kienet infondata kif ukoll l-eccezzjonijiet l-ohra fil-mertu, laqghet it-talbiet kollha attrici kif dedotti u kkundannat lill-konvenut nomine jhallas lill-attur l-ammont ta' kumpens lilu allokat fl-award ta' l-arbitru kif fuq inghad bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-istess konvenut nomine, li kellu jhallas ukoll l-imghaxijiet legali dovuti kif mitlub mill-attur sal-hlas effettiv.

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

"Ikkunsidrat illi f'din il-kawza li hija konsegwenza ta' operazzjoni ta' salvatagg li fiha, fost ohrajn, kien direttament involut l-attur u xi whud mill-partijiet in kawza, u li fiha kien hemm riferenza ghal arbitragg fir-Renju Unit, l-attur talab zewg hwejjeg, jigifieri,

(i) dikjarazzjoni, okkorrendo, li huwa ghandu dritt ghall-hlas tal-kumpens ghas-salvatagg kif determinat mill-arbitru ; u

(ii) tikkundanna lis-socjeta' Tug Malta Limited thallsu l-ammont ta' kumpens lilu allokat fl-award tal-Arbitru.

Il-konvenut eccepjent avanza tlett eccezzjonijiet, wahda legali u preliminari, jigifieri l-irritwalita' u n-nullita' tac-citazzjoni billi l-proceduri saru bi hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Ezekuzzjoni Reciproka ta' Sentenzi ta' Tribunaqli Inglizi (Kap. 52), fit-tieni lok hemm talba ghas-sejha fil-kawza tan-nies konnessi mas-salvatagg <u>de quo</u> ; u li f'kull kaz l-ammont kollu tal-award gie depozitat taht l-Awtorita' tal-Qorti, liema depozitu sar qabel il-ftuh tal-kawza u ghalhekk il-konvenut isostni li m'ghandux ibati spejjez gudizzjarji.

Wara li kkunsidrat it-tieni eccezzjoni – jekk tista' tissejjah hekk ghaliex proprjament din hija f'forma ta' talba biex jissejhu fil-kawza dawk il-persuni li kienu b'xi mod involuti fl-operazzjoni ta' salvatagg, il-Qorti laqghet l-istess talba. Wara li gew notifikati l-persuni kollha indikati, l-<u>ebda</u> wiehed minnhom ma pprezenta nota ta' eccezzjonijiet.

Huwa pacifiku li bejn id-9 u l-10 ta' Dicembru 1988, l-attur flimkien ma' membri ohra tal-ekwipagg taz-zewg lanec tal-irmonk <u>Felica</u> u <u>Zamtug II</u> kienu direttament involuti f'operazzjonijiet difficli u skabruza ta' salvatagg tal-bastiment esteru <u>Iran Amanat.</u> Is-socjeta' konenuta, f'isem kemm il-membri tal-ekwipagg taz-zewg lanec fuq imsemmija, kemm ukoll f'isem l-ekwipaggi tal-lanec l-ohra taghha nvoluti f'dina l-operazzjoni, ghamlet talba ghal kumpens. Il-kwistjoni, bi qbil bjen il-partiiet kollha koncernati, giet riferita ghall-arbitragg fl-Ingilterra u b'rizultat ta' dan, l-arbitru Ingliz, Geoffrey James Barrington Groves Brice, ghamel l-award tieghu, fejn <u>inter alia</u> illikwida a favur ta' l-attur l-ammont ta' tlett elef lira sterlina (3000) ghas-servizz ta' salvatagg prestati minnu bhala "master" taz-zewg lanec surreferiti.

Jidher li nqala' disgwid bejn id-diversi impjegati tas-socjeta' konvenuta dwar l-ispartizzjoni tas-somma li giet eventwalment imhallsa mid-debitur f'idejn is-socjeta' konvenuta bhala mandatarja tad-diversi persuni illi kellhom jithallsu tas-salvatagg. F'waqt minnhom l-ammont kollu ntbaghat lill-General Workers Union biex tqassam il-flus tal-award lill-haddiema hi, izda meta

anke hawn gie registrat nuqqas ta' qbil, ic-"cheque" ntbaghat lura lill-konvenut nomine li, biex jezim ruhu minn kull responsabbilita', u billi baqa' ma nstabx mod kif l-intropp jigi rizolt, l-ammont kollu mhallas skond l-award fis-somma ta' Lm17,316.96c5m gie depozitat taht l-awtorita' ta' din il-Qorti. Peress li l-attur mill-bidu sa l-ahhar baqa' jsostni u jikkontendi li huwa kellu jithallas skond ma kien aggudikat fl-award u dan ukoll billi ma kien hemm l-ebda ftehim mieghu xort'ohra u billi ma thallasx, allura harrek lill-konvenut nomine kif gja' intqal supra.

Dwar l-ewwel eccezzjoni, u kif tajjeb issottometta l-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, l-attur proprjament mhux jitlob l-ezekuzzjoni tal-award ta' arbitragg f'Malta izda qieghed invece jharrek lis-socjeta' konvenuta bhala gja' mandatarja tieghu f'dik l-award u billi din, nonostante li rceviet f'ismu l-flus lilu likwidati u mhallsa mid-debitur, baqghet ma hallsitux minghajr raguni valida fil-ligi. Kwantu tali ghalhekk la hemm irritwalita' u lanqas nullita' u jekk tassew jirrizulta li s-socjeta' konvenuta naqset li thallas lill-attur dawk il-flus li rceviet ghan-nom tieghu, allura l-attur kellu kull dritt li jagixxi direttament kontrieha. Ghalhekk, l-ewwel eccezzjoni, in kwantu hija legalment infondata, qeghda tigi respinta.

Illi fil-meritu gew prodotti diversi xhieda. Ghal xi raguni l-partijiet ikkoncentraw hafna fuq in-natura u l-konsistenza tal-operazzjoni ta' salvatagg de quo ta' deskrizzjonijiet tal-operat tad-diversi prsuni li hadu sehem fiha – dan meta proprjament is-salvatagg kien strettament jaqa' fl-ambitu tal-arbitragg aggudikat gewwa l-Ingilterra kif gja' intqal. Dak illi invece huwa l-pern tal-vertenza huwa jekk is-socjeta' konvenuta kienitx gustifikata li ma thallasx lill-attur skond l-award u minflok tinsisti – anke jekk mhux esplicitament ghaliex l-eccezzjonijiet lanqas daqstant ma jispecifikaw – li jsir hlas divesament ibbazat fuq hlas ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) tal-award u billi dan jinqasam ugwalment bejn l-ekwipagg tal-lanec li hadu sehem fis-salvatagg proporzjonatament ghall-pagi tal-haddiema – u dan kif jemani mid-deposizzjoni moghtija mill-konvenut John Sullivan nomine fis-seduta tal-5 ta' Lulju 1994 (fol. 131 et sequitur tal-process).

L-attur kien mill-bidu nett kategoriku li huwa qatt ma kien ftiehem, la bil-form in iskritt, li jithallas bil-mod kif pretiz mill-konvenut nomine imma li kellu jithallas skond l-award tal-arbitru Ingliz appuntu appozitament ghal dan l-iskop. Jigi rilevat li f'affidavits ipprezentati mill-membri l-ohra tal-ekwipagg tal-lanec tal-irmonk Felica u Zamtug II, dawn il-membri kollha huma konkordi li l-attur, bhalhom, ghandu jircievi skond kif indikat fl-award ta' l-arbitragg de quo u mhux xort'ohra.

Il-konvenut nomine ta lill-Qorti x'tifhem li l-materja dwar hlas f'kazi ta' salvatagg kienet koperta b'xejn anqas minn erba' (4) "agreements" milhuqin bejn is-socjeta' konvenuta u l-impjegati kif ukoll mal-General Workers Union (fol. 131 tal-process) izda wara li jispjega x'kienet l-ahhar posizzjoni miftehma jkompli jghid hekk (ara fol. 133),

> "Pero' ghandi nispjega wkoll li l-agreement li ser nezebixxi llum u li xhedt dwaru, ma kienx ghadu <u>in vigore</u> meta saret il-claim (tal-attur)".

Fil-fatt aktar 'il quddiem fix-xhieda tieghu tal-5 ta' Lulju 1994, il-konvenut nomine jiddimostra l-istat ta' incertezza min-naha tal-kumpanija tant li hija ddecidiet li, minflok li tqassam il-flus ricevuti skond l-award tirreferi l-kaz lill-General Workers Union. Din ta' l-ahhar, skond il-konvenut nomine, pero', lanqas ma waslet ghal decizjoni – u dan minkejja li din kienet qeghda ssostni li kien hemm ftehim vinkolanti bejn il-haddiema f'kazijiet simili. Fuq x'sar mill-Union, il-konvenut nomine jixhed hekk (ara fol. 135),

> "Id-decizjoni (tal-Union) ma kienitx cara ghalija, u ghedtilhom "ha hudu l-flus" u tajt il-flus lill-General Workers Union bix iqassmuhom kif jidhrilhom huma, peress li kien hemm l-agreement bejn il-kumpanija u l-General Workers Union.
>
> Dan ghadda xi xahar xahrejn ohra ; l-GWU ma waslux ghad-decizjoni, baghtulna c-cheque lura, meta rajna c-cheque lura, ddepozitajnieh il-Qorti ahna ; l-flus ma kienx taghhom ma ridtx ikolli x'naqsam maghhom, il-flus, u ddepozitajthom il-Qorti."

Jekk, kif tippretendi s-socjeta' konvenuta kien hemm ftehim vigenti – x'wassalha allura biex tirreferi l-kaz lill-General Workers Union? U jekk lanqas din il-Qorti ma dehret konvinta dwar jekk tassew kien hemm tali ftehim, ghal liema raguni s-socjeta' konvenuta ma mxietx skond l-award? Skond il-konvenut nomine (ara fol. 70), is-soluzzjoni tieghu kienet li jhalli kollox f'idejn il-Qorti. Mistoqsi, in kontro-ezami, dwar jekk ghandux kopja tal-ftehim bejnu u bejn il-haddiema (ara deposizzjoni tal-21 ta' Novembru 1994 (a fol. 143 – 144) jghid li l-ftehim sar bil-miktub pero' s-socjeta' konvenuta ma kienitx parti minn dan il-ftehim, u allura m'ghandu l-<u>ebda kopja</u> tieghu. Anzi jghid li <u>qatt ma ra</u> l-ftehim b'ghajnejh!

Alfred Degiorgio, Senior Manager mas-socjeta' konvenuta kien l-uniku wiehed li xehed b'mod kategoriku u kien jezisti espressament ftehim bazat fuq dak li sejjah "il-prattika" (ara fol.

147 tal-process) li a bazi tieghu l-ekwipaggi kellhom jippercepixxu hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) mir-rikavat tas-salvatagg u li t-tqassim isir skond tali prattika. Madankollu anke dan ix-xhud jistqarr li hu "bhala ftehim ut sic, qatt ma rajtu qabel mnizzel, pero' naf li hdimna hekk". Effettivament irrizulta li dan ix-xhud ukoll kien intitolat ghal xi hlas pero' li ghal dak li kien jikkoncerna lilu, huwa ma kienx marbut ma' ebda xorta ta' ftehim, prattika jew "konswetudini" kif sejhilna d-difensur tal-konvenut nomine fl-ahhar nota ta' sottomissjonijiet tieghu. Degiorgio jsostni li huwa ma kien marbut ma ebda ftehim ghax ma kienx membru tal-ekwipagg. Izda jigi sottolineat hawn li bl-istess mod ix-xhud lanqas seta' jghid jekk tabilhaqq l-attur kien marbut b'xi ftehim jew le (ara fol. 151).

Mill-provi kollha prodotti rrizulta bic-car li mhux tassew kien hemm fis-sehh xi ftehim vinkolanti bejn il-membri tal-ekwipagg, u li zgur f'kull kaz ma kien hemm xi forma ta' ftehim li ghalih kien assoggetta ruhu a priori l-attur. Wara dan il-kaz tassew li sar ftehim – kif kien xieraq – biex jigu regolati sitwazzjonijiet simili pero' ma jirrizultax li kien hemm ftehim vigenti qabel li b'xi mod kien jorbot lill-attur.

Il-Qorti assolutament ma tifhimx l-insistenza da parti tal-konvenut nomine li ezista "arrangament kostanti" u li "din kienet il-konswetudini ghal zmien konsiderevoli" meta la hu u lanqas l-Union ma setghu jaslu f'konkluzzjoni u li kien proprju dan l-istat ta' incertezza totali li nduciet lill-konvenut nomine li jiddepozita l-ammont ricevut minnu mid-debitur taht l-Awtorita' tal-Qorti. Jekk il-konswetudini kienet daqshekk assodata x'kien izommu milli jimxi konfermement?

Mill-bqija l-partecipazzjoni deciziva u determinanti da parti ta' l-attur fl-operazzjoni tas-salvatagg de quo tirrizulta nettament mill-provi, rikonoxxuta debitament mill-arbitragg imqabbad mill-partijiet kollha nvoluti u sahansitra accettata u mhallsa mid-debitur billi l-flus tqeghdu f'idejn il-konvenut nomine. Ghalkemm x'aktarx in buona fede, s-socjeta' konvenuta xorta wahda agixxiet skorrettament meta naqset li tonora l-award u li thallas l-ammont ricevut minnha bhala mandatarji, fost ohrajn ta' l-attur, kreditur skond l-award, u dan il-hlas kien messu sar minghajr indugji, riferenzi lil terzi u titubanzi infondati. Il-fatt li l-flus tqeghdu l-Qorti flok mghoddija lil min kienu diretti lanqas, fic-cirkostanzi, ma jezonera lill-konvenut nomine mir-responsabbilita' tieghu ghall-ispejjez gudizzjarji inkorsi in konsegwenza tal-agir infondat tal-konvenut nomine kif ukoll ghal dawk l-imghaxijiet fuq is-somma dovuta. Ghas-socjeta' estera debitrici l-kaz kien maghluq, il-hlas minnha sar kif deciz fl-"award", ma kien hemm xejn x'jigi registrat lokalment di fronte s-socjeta' konvenuta ghaliex meta din irceviet

> il-flus tal-lodo, dan ghamlitu ghan-nom tan-nies involuti, l-allura kredeturi."

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

Kif inghad din il-Qorti kellha tikkonsidra l-aggravju tas-socjeta' appellanti biss u dana limitatament ghall-eccezzjonijiet li opponiet ghat-talbiet attrici rigettati mill-ewwel Qorti. Il-konvenut nomine javanza tlett aggravji fir-rigward tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata li din il-Qorti sejra tikkonsidra :-

(a) Fl-ewwel aggravju l-appellant nomine jinsisti fuq is-sottomissjoni tieghu illi t-talbiet attrici kellhom juru bic-car li l-element essenzjali tal-azzjoni attrici kien l-esekuzzjoni tal-award arbitrali esteru u li d-dizgwid li nqala' bejn l-attur u l-ekwipaggi tal-lanec l-ohra dwar il-modalita' tal-ispartizzjoni tal-ammont li gie likwidat fl-arbitragg kien impedixxa l-hlas ta' dak li kien dovut lill-attur. L-azzjoni attrici allura ma setghatx titqies ghajr talba ghall-esekuzzjoni f'Malta ta' arbitragg moghti fir-Renju Unit. Konsegwentement kienet valida l-eccezzjoni tieghu radikata abbazi tal-artikolu 789 (1) (c) tal-Kap. 12 tal-irritwalita' u n-nullita' tac-citazzjoni billi ma gietx segwita l-procedura specjali u applikabbli ghall-kaz ta' din ix-xorta kif prevvist fl-Att dwar l-Esekuzzjoni Reciproka ta' Sentenzi ta' tribunali Inglizi (Kap. 52). Issa din l-eccezzjoni giet ezaminata b'rigorozita' u b'approfondiment notevoli tac-cirkostanzi fattwali tal-

kawza mill-ewwel Qorti. Dawn wasluha ghall-konkluzzjoni inevitabbli illi din l-eccezzjoni kienet insostenibbli.

Dan ghaliex mill-ezami tal-provi akkwiziti, l-ewwel Qorti gustament waslet ghall-konkluzzjoni illi r-relazzjoni li nholqot bejn l-attur u l-kjamati fil-kawza u s-socjeta' appellanti u li kienet tifforma l-mertu tal-prezenti istanza ma kienitx torigina mill-award arbitrali esteru imma mid-dritt pretiz li javanza l-attur li jithallas dak li kien lilu dovut mill-ammont li s-socjeta' appellanti kienet diga' rceviet ghas-servizz ta' salvatagg prestat minnu u mill-kjamati fil-kawza. L-ewwel Qorti gustament identifikat din ir-relazzjoni bhala kuntratt ta' mandat. Infatti s-socjeta' konvenuta kienet ipprocediet b'talba ghall-kumpens dovut ghas-salvatagg in kwistjoni kemm f'isem il-membri tal-ekwipagg taz-zewg lanec ta' irmonk involuti fl-operazzjoni ta' salvatagg kif ukoll f'isem l-ekwipaggi ta' lanec ohra involuti fl-operazzjoni. Hu allura stabbilit illi s-socjeta' appellanti kienet irrapprezentat lill-attur u lill-membri ohra tal-ekwipaggi diversi quddiem l-arbitru esteru u f'isimhom ghamlet ir-rappresentazzjonijiet ghall-hlas ta' kumpens li eventwalment gie definit fid-decizjoni arbitrali li identifikat x'kien dovut mis-sidien tal-bastiment ghas-servizzi ta' salvage u kif dak l-ammont kellu jigi ripartit bejn l-interessati kollha. Inoltre hu wkoll stabbilit mill-provi illi dawn is-sidien effettivament hallsu dak li gie determinat u deciz mid-decizjoni arbitrali li kienet vinkolanti fuq il-partijiet kollha li ppartecipaw. Jirrizulta provat illi l-pagament skond dan il-lodo sar mis-socjeta' konvenuta, appellanti f'isimha, u isem l-

ekwipaggi involuti inkluz l-attur. Pagament li sar skond il-ligi in kwantu kien perfettament legittimu illi d-debitur ihallas b'dak li gie kundannat bid-decizjoni arbitrali lill-partijiet interessati kanonizzati kredituri anke tramite l-persuna u s-servizzi tal-mandatarju li kellu rappresentanza guridika taghom fil-proceduri arbitrali.

Din il-Qorti allura ma tistax ma tikkonkludix illi, bhala rizultat ta' dak il-pagament mhux kontestat assaldu ta' dak li kien dovut skond id-decizjoni arbitrali, l-effett guridiku ta' tali decizjoni kien gie kompletament ezawrit. Il-pagament tal-kumpens kif dovut skond il-lodo kien ifisser l-esekuzzjoni effettiva tad-decizjoni arbitrali u konsegwentement is-socjeta' appellanti ma setghet bl-ebda mod tippretendi illi l-proceduri odjerni kienu parti mill-process ghall-esekuzzjoni f'Malta tad-decizjoni arbitrali estera. L-attur u l-konvenuti l-ohra kollha flimkien kienu awtorizzaw lis-socjeta' appellanti biex f'isimhom ilkoll tressaq il-kaz taghhom ghall-hlas ta' servizz ta' salvage u korrettement l-istess socjeta' appellanti kienet irceviet il-kumpens dovut minghand is-sidien f'isem l-attur u l-konvenuti l-ohra kollha flimkien. L-ispartizzjoni tal-ammont ricevut u likwidat fil-procedura tal-arbitragg kienet materja li tinteressa r-relazzjonijiet interni bejn il-mandatarju (is-socjeta' appellanti) u l-mandanti (l-attur u l-kjamati fil-kawza). Hi relazzjoni li kif inghad tohrog direttament mill-kuntratt ta' mandat jew minn prokura li bih persuna taghti lill-persuna ohra s-setgha li taghmel xi haga ghaliha. L-iskop tal-mandat kien li s-socjeta'

appellanti inghatat ir-rappresentanza guridika ta' kull min kien involut fl-operazzjoni salvatagg quddiem l-arbitru esteru u tali mandat kien jestendi sal-mument meta jinghata l-award arbitrali, jithallas l-ammont dovut, bl-obbligu finali li l-istess mandatarju jaghti lil kull min kien inkarigah mill-mandat dak li kien lilu dovut. Kjarament allura ma kien hemm xejn irritwali f'dik il-procedura ta' ridress adottata mill-attur li rrikorra ghall-Qrati ordinarji biex jezigi dak li jippretendi li kien dovut lilu minghand il-mandatarju tieghu fl-espletar tal-inkarigu lilu moghti.

L-eccezzjoni tal-irritwalita' u n-nullita' tac-citazzjoni in kwantu kienet qed tintalab l-esekuzzjoni f'Malta ta' procedimenti ta' arbitragg li saru fl-Ingiterra hi wkoll manifestament insostenibbli mis-semplici fatt li l-attur mhuwiex u ma jistax jipprocedi kontra d-debitur kanonizzat in esekuzzjoni ta' dak il-lodo ghaliex kif inghad, dan kien diga' pjenament issodisfa dak li kien minnu dovut bil-pagament debitu tal-ammont kanonizzat favur il-kredituri inkluz l-attur tramite l-mandatarju taghhom. Din l-eccezzjoni qed tigi ghalhekk respinta.

It-tieni aggravju tal-appellant nomine tirrigwarda l-qofol tal-kwistjoni li nholqot in segwitu ghal-likwidazzjoni tad-dritt ta' kumpens ghas-salvatagg. Is-socjeta' appellanti ssostni li hi kienet kostretta tiddepozita l-ammont likwidat taht l-awtorita' tal-Qorti minhabba li l-attur ma riedx li jaccetta li l-kumpens li jittiehed minnu kellu jigi maqsum skond ma kienet il-prassi miftehma u mhaddma bejn l-ekwipaggi f'kazi ta'

salvatagg. Is-socjeta' appellanti ssostni illi l-ammont likwidat f'kumpens kellu jigi f'din l-okkazjoni ripartit kif kien f'okkazjonijiet ohrajn jigri skond konswetudni accettata fil-qsim tal-kumpens ghal salvatagg u dana bejn l-ekwipaggi tal-lanec rispettivi. Is-socjeta' appellanti kienet allura baghtet l-kumpens kollu lilha mhallas lill-General Workers Union biex din taghmel ir-ripartizzjoni skond din il-konswetudni "proprju ghaliex dan kien is-sistema tal-qsim tal-kumpens li kien jigi mhaddem fost il-membri kollha tal-ekwipaggi li jiehdu sehem f'salvataggi u dan kif kien accettat sa ma l-attur holoq l-opposizzjoni tieghu."

Din il-Qorti ma fehmitx ghaliex is-socjeta' appellanti baqghet tul il-kawza kollha u anke issa tinsisti fuq id-diffikulta' li allegatament sabet ghar-ripartizzjoni tal-kumpens ghas-salvatagg skond kif deciz mill-arbitru u dana apparentament f'tentattiv biex tipprotegi l-interessi tal-kjamati fil-kawza meta kjarament dawn il-persuni ma kellhom l-ebda intenzjoni li jikkontestaw dak li gie deciz mill-arbitru. Infatti mhux biss dawn ma pprezentaw l-ebda nota tal-eccezzjonijiet ghat-talba tal-attur u baqghu kontumaci imma meta xehdu permezz ta' affidavit quddiem l-ewwel Qorti, huma lkoll qablu illi l-attur kellu jircievi l-kumpens skond l-award u mhux mod iehor kif sostnew ukoll illi huma kienu tal-fehma illi l-lodo kien japplika ghalihom ukoll bl-istess mod u cioe' li kull wiehed minnhom kellu jircievi dak illi d-decizjoni arbitrali estera indikat li kien lilhom dovut.

F'dawn ic-cirkostanzi, l-aggravju tas-socjeta' appellanti anke kieku kellu ghall-grazzja tal-argument jigi meqjus bhala wiehed validu fis-sens illi seta' kien hemm il-konswetudni li l-pagament isir kif minnha pretiz, jitlef kull sostenn u forza proprju minhabba li kull min kien interessat kien jaqbel illi, almenu f'dan il-kaz, tali konswetudni ma kienitx tapplika ghaliex kien hemm qbil illi dak illi gie deciz mill-arbitru kellu jinghata effett. Din il-Qorti allura filwaqt li ma teskludiex il-possibbilita' li inizjalment is-socjeta' appellanti setghet bi ftit gustifikazzjoni turi riluttanza li thallas il-kumpens b'mod divers minn dik li hi kienet tqis il-konswetudni f'cirkostanzi simili, certament ma setghetx tkun gustifikata f'dan l-atteggjament una volta kien manifest lilha illi kien hemm qbil illi d-decizjoni arbitrali tigi implimentata fit-termini taghha u una volta kien car illi ma kien hemm l-ebda oggezzjoni da parti tal-partijiet l-ohra interessati illi hekk isir. Sitwazzjoni din illi kellha tkun abbondantement cara ghas-socjeta' appellanti appena l-att tac-citazzjoni gie notifikat lill-kjamati fil-kawza u dawn baqghu ma kkontestawx it-talbiet tal-attur. Konsidrata minn din l-ottika ma jehtiegx li din il-Qorti tinoltra ruhha f'aspetti ohra tal-mertu fir-rigward tal-applikazzjoni o meno tal-konswetudni li s-socjeta' appellanti tallega li tezisti u kif il-fatti tal-kaz partikolari kienu jinkwadraw ruhhom f'dik il-konswetudni. Ghal dan l-aspett tal-kawza, din il-Qorti tista' tistrieh ghal kollox fuq dak li kkonsidrat l-ewwel Qorti b'mod ezawrjenti u kompetenti.

L-ahhar aggravu tas-socjeta' appellanti hu fis-sens illi una volta ddepozitat l-ammont ta' kumpens taht l-awtorita' tal-Qorti ma kellhiex l-ewwel Qorti tikkundannah ihallas l-ispejjez tal-kawza, minbarra dan anke l-imghaxijiet. L-appellant nomine jissottometti li kellu jkun pacifiku illi meta jkun hemm kontestazzjoni dwar kif kellu jsir il-pagament bejn terzi persuni intitolati ghal dak l-ammont, il-fatt li jsir depozitu l-Qorti kien iwassal biex jezimi minn kull responsabbilita' lid-detentur tal-ammont kontestat. Ma kienx sewwa ghalhekk li f'dawk ic-cirkostanzi jiddekorru l-imghaxijiet kontra min iddepozita taht l-awtorita' tal-Qorti pendenti decizjoni. Ghal dan l-aggravju, din il-Qorti tirrileva fl-ewwel lok illi r-riluttanza tas-socjeta' appellanti li thallas dak li kien ordnat li kellu jigi mhallas bl-award esteru li ghalih il-partijiet kollha f'din il-kawza ssottomettew ruhhom baqghet tippersisti anke fi stadju ta' wara li nghatat is-sentenza fil-Prim'istanza. Din il-Qorti ma fehmitx ghaliex kien mehtieg li jigi intavolat l-prezenti appell anke fil-mertu tal-kontestazzjoni meta kien ovvju li s-socjeta' appellanti ma setghatx ma thallasx skond kif ordna l-arbitru.

Inoltre l-fatt illi l-partijiet l-ohra kollha interessati fil-mertu, bl-eccezzjoni tas-socjeta' appellanti, ma kienux ikkontestaw it-talba tal-attur kellu jkun ovvju illi, almenu minn dak il-mument, is-socjeta' appellanti kellha tipprocedi biex l-ammont depozitat jigi distribwit skond kif determinat fil-lodo. Il-fatt li dan m'ghamlitux almenu minn dak il-mument ma jistax ma jfissirx illi kienet naqset mill-obbligi taghha qua mandatarju li tespleta l-

inkarigu fil-konfront u favur tal-mandanti taghha u allura rrendiet ruhha passibbli ghad-danni billi kienet in mora. Danni li skond il-ligi jirriducu ruhhom f'telf ta' imghax dovuti lill-attur bhala kreditur tieghu. Din il-Qorti allura tqis illi tali imghax hu dovut b'effett mid-data tan-notifika mill-att ta' citazzjoni lill-kjamati fil-kawza li ghal praticita' qed tigi stabbilita fis-16 ta' Mejju 1992. Fir-rigward tal-ispejjez tal-kawza, din il-Qorti ma tarax raguni ghaliex kellha tiddisturba dak li ddecidiet is-sentenza appellata fuq dan il-kap. Certament li kieku s-socjeta' appellanti pprocediet kif f'dover taghha anke quddiem l-ewwel Qorti, l-ispejjez quddiem dik l-istanza kienu jkunu minimi. Hu gust ghalhekk illi l-ispejjez kollha tal-kawza jigu akkollati lis-socjeta' appellanti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell kif propost u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant nomine, b'dan pero' illi l-imghax fuq l-ammont lis-sentenza appellata kanonizzat kellu jibda jiddekorri mis-16 ta' Mejju 1992 sad-data tal-effettiv pagament. F'dan ir-rigward biss is-sentenza appellata kienet qed tigi riformata.

Dep/Reg

mg